# Reazzjoni għall-abbozz tal-

# *Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ*,

# Forum Żgħażagħ Laburisti

*31 ta' Awwissu, 2009*

## *Werrej*


| Kapitlu | Paġna |
|---|---|
| Introduzzjoni | 2 |
| Edukazzjoni | 4 |
| Impjiegi | 6 |
| Saħħa | 9 |
| Ġustizzja | 11 |
| Arti u Kultura | 13 |
| Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-komunità u l-volontarjat | 15 |
| Sport | 16 |
| Divertiment | 18 |
| Soċjetà ta' informazzjoni | 19 |
| Ambjent | 22 |

**Introduzzjoni**

Il-*Forum Żgħażagħ Laburisti* (*FŻL*) ħa sehem attiv fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-aġġornament tal-*Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ*, kemm permezz ta' għadd ta' proposti aktar kmieni din is-sena kif ukoll permezz tal-ħidma fi ħdan il-*Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ* (*KNŻ*). F'din ir-reazzjoni għall-abbozz tal-*Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ*, il-*FŻL* laqqa' *working group* li għarbel it-temi ewlenin li jsawru din il-politika. Fit-tfassil ta' din ir-reazzjoni nżamm ħsieb oġġettiv fl-interess taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin, fejn faħħarna u sostnejna ideat u inizjattivi pożittivi filwaqt li poġġejna 'l quddiem il-kritika tagħna fejn ma qbilniex. Iżda fuq kollox, rajna li nipproponu diversi punti fit-temi kollha tal-abbozz.

Fl-ewwel parti tal-abbozz tissemma' l-età ta' bejn it-tlettax u t-tletin sena bħala l-età li persuna tkun ikklassifikata bħala żagħżugħa. Aktar milli jidħol fid-dibattitu dwar l-età żagħżugħa, l-*FŻL* jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Gvern għadu jistabbilixxi dik l-età li tkun konformi mall-stituzzjonijiet internazzjonali u tkun tapplika b'mod nazzjonali biex ma nibqgħux f'sitwazzjoni fejn istituzzjonijiet u kunsilli ma jaqblux bejniethom fuq din il-kwistjoni.

Element ġenerali li jinħass tul l-abbozz kollu huwa li l-iskeletru tal-Politika nazzjonali huwa wieħed b'saħħtu, b'użu ta' ħjut orizzontali importanti ħafna. Madanakollu mhux l-istess jista' jingħad għas-sustanza għall-abbozz, hekk kif huwa nieqes mill-metodu ta' kif se jintlaħqu l-miri. Għalkemm nemmnu li l-istruttura hija waħda tajba, l-abbozz jibqa' lura minn kwalunkwe dettall fuq l-implimentazzjoni tal-punti li fih. Dan jista' jwassal sabiex dak li jkun jintilef fil-kliem sabiħ u l-kwotazzjonijiet ta' persuni distinti, mingħajr ma' jingħata idea ta' kif u meta dawk il-kwotazzjonijiet ser jissarfu f'riżultati.

Għaldaqstant nemmnu li tajba kemm tkun tajba l-istruttura fuq il-karta din ma tiswix il-linka li biha nkitbet sakemm ma jkunx marbut ma' dan l-abbozz dokument bil-metodu. Dan għaliex fuq prinċipji u miri ftit ikun hemm diskussjoni iżda meta niġu għall-metodu li dan jagħmel id-differenza kollha. Il-*FŻL* jemmen li fejn jidħlu ż-żgħażagħ l-affarijiet m'għandhomx isiru biex ikunu saru iżda l-Gvern għandu r-responsabbiltà li jinkludi lil kulħadd fid-diskussjonijiet dwar l-twettieq.

Fl-aħħar parti l-abbozz jitkellem dwar it-twaqqif ta' aġenzija bil-għan li tara li din il-politika tiġi mwettqa. Il-*FŻL* jemmen li aktar milli nibnu strutturi, li kif turina l-istorja,

jinvolvu eluf ta' flus, riżorsi u li kemm-il darba spiċċaw f'ċentru ta' kontroversja u allegazzjonijiet; dak li tassew hemm bżonn huwa koordinament serju bejn il-Ministeri rispettivi, flimkien ma' rieda politika soda biex dak li hemm fuq il-karta jissarraf f'ġid u f'servizz aħjar għaż-żgħażagħ. B'hekk nemmnu li r-responsabbiltà taqa' fuq is-*Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ* biex jikkordina mall-Ministeri u mad-Dipartimenti f'oqsma differenti biex dawn jattwaw u jħarsu din il-politika. Fuq kollox, ħafna jiddependi wkoll minn kemm il-Gvern huwa dispost li jipprovdi sostenn għal dawn il-miri li poġġa fuq il-karta.

Eżekuttiv
*Forum Żgħażagħ Laburisti*
Awwissu 2009.

**Edukazzjoni**

Il-*Forum Żgħażagħ Laburisti* jemmen li l-Edukazzjoni hija ħtieġa imprezzabbli għas-soċjetà tagħna. Għalhekk nemmnu li f'dan l-abbozz kellu jkun inkluż id-dritt li kull ċittadin/a Malti/ja għandu/ha d-dritt li j/tingħata l-edukazzjoni mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja f'kull livell edukattiv. B'mod speċifiku fil-qasam sekondarju, post-sekondarju u terzjarju. Barra minn hekk, nemmnu li għandha tkun inkluża t-titjib tas-sistema ta' *maintenance grants* fil-livell post-sekondarju u terzjarju għal dawk li jattendu istituzzjonijiet edukattivi tal-iStat ukoll.

Inħossu li fiż-żmien fejn Malta qeda tiffaċċja ta' spiss minoranzi etniċi minn partijiet varji tal-Ewropa, l-Asja, l-Lvant Nofsani u l-Afrika, l-interkulturaliżmu kellu jissemma' b'aktar prominenza f'kull wieħed mill-għaxar oqsma inklużi f'dan l-abbozz. B'manjiera partikulari f'dan il-qasam, l-interkulturaliżmu għandu jissemma' bħala waħda mill-miri tas-sistema pedagoġika fi ħdan l-edukazzjoni. B'hekk iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin ikunu jistgħu jiksbu il-ħiliet meħtieġa sabiex jirnexxielhom ikunu mħejjija dejjem aktar biex jikkomunikaw ma' kulturi oħra.

Għalkemm l-abbozz jagħraf b'mod tajjeb li l-iStat huwa tal-fehma li għandu jikber l-aċċess għall-edukazzjoni vokazzjonali u għall-edukazzjoni għolja, nemmnu li fil-konkret dan il-qasam kellu jkun indirizzat aktar milli sempliċiment msemmi. Inħossu lis-sistema edukattiva fil-livell sekondarju hija ffukata l-aktar sabiex ittejjeb il-ħiliet akkademiċi u qajla tagħti każ li ttejjeb il-ħiliet vokazzjonali. Dan qiegħed jirriżulta f'ħafna żgħażagħ Maltin esklużi mis-sistema edukattiva u aktar tard mis-suq tax-xogħol. Għalhekk wieħed mill-għanijiet ta' dan l-abbozz għandu jkun dak li jimmira sabiex l-edukazzjoni fil-livell sekondarju toffri taħriġ vokazzjonali. Dan iservi tajjeb ħafna biex jinċentiva lil aktar żgħażagħ jissoktaw l-edukazzjoni tagħhom fl-*MCAST* wara li jkunu temmew l-istudji tagħhom fl-iskejjel sekondarji.

B'mod tajjeb dan id-dokument jara li l-edukazzjoni non-formali u t-tagħlim informali ikomplu jissaħħu u għandhom jkunu akkreditati kif inhu xieraq filwaqt li jsemmi wkoll il-ħtieġa tat-tagħlim matul il-ħajja (li b'mod konkret qed isir permezz ta' skemi bħad-*DegreePlus*) bħala mezz biex nilqgħu għall-isfidi tal-ekonomija msejsa fuq l-għarfien. Għalkemm isemmi l-iżvilupp tat-tagħlim elettroniku fl-istess waqt ma jidentifikax bħala mira

mportanti dik li ittejjeb l-aċċessibiltà taż-żgħażagħ fid-dinja virtwali, biex tkompli tingħeleb l'hekk imsejħa *digital divide*.

L-abbozz jirrikonoxxi li hemm bżonn li jsir sforz akbar sabiex tkun miġġielda l-isfida tal-analfabetiżmu. L-abbozz ma jsemmix min jistgħu ikunu l-aħjar sħab f'dan ir-rigward u bħal f'kull parti tal-abbozz iżomm lura milli jispeċifika liema metodi bihom sejjer isir dan. Barra l-ħidma kontra l-analfabetiżmu, nemmnu li b'mod parallel għandha titħejja strateġija favur il-qari fejn l-isħab jistgħu ikunu l-*Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*, il-Kunsilli Lokali u l-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Għan illi dan l-abbozz jonqos milli jindirizza huwa dak li jara' li l-istituzzjonijiet edukattivi kollha u f'kull livell (inklużi tal-iStat, dawk indipendenti u dawk tal-knisja) jkunu joffru aċċessibiltà sħiħa lil persuni li għandhom diżabilità fiżika. Il-ħtieġa ta' titjib kostanti fil-kwalità tat-tagħmir, tat-taħriġ tal-ħaddiema u tal-metodi tat-tagħlim fost il-persuni li jsibu diffikultajiet sabiex jiżviluppaw il-ħiliet mentali tagħhom ukoll jinħass bħala bżonn fit-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali.

L-edukazzjoni komprensiva ma tissemma' fl-ebda sezzjoni ta' din it-taqsima u wisq anqas ma hemm ebda referenza għall-ħtieġa li l-edukazzjoni ma tkunx selettiva u elitista. Nemmnu li dawn il-kunċetti kellhom isibu rwieħhom f'sezzjoni 3.1.2, aktar u aktar meta l-Gvern qed juri biċ-ċar li l-edukazzjoni komprensiva qegħda bit-tir li jilħaqha, minkejja li għadu jinsab fil-bidu ta' triqtu biex jagħmel dan. Bħalma kunċetti bażiċi tad-drittijiet fundamentali ta' kull tifel u tifla huma nklużi f'dan l-abbozz, hekk ukoll għandhom jiġu ndirizzati dawn l-għanijiet. B'hekk din it-taqsima tkun tista' tolqot dan il-qasam b'mod aktar olistiku.

**Impjiegi**

Hekk kif l-istatistika riċenti dwar il-qgħad maħruġa mill-*NSO* turi biċ-ċar li 'l-qgħad huwa wieħed mill-akbar għedewwa taż-żgħażagħ meta tlieta minn kull għaxar persuni bla xogħol huma żgħażagħ ta' taħt id-disa' u għoxrin sena. Il-Gvern għandu jagħraf li x-xogħol huwa jedd tal-persuna. Fuq kollox nemmnu li l-Gvern għandu jisħaq fuq l-importanza tal-valur tax-xogħol, tad-dinjità u tal-indipendenza li dan jagħti lill-individwi fis-soċjetà.

L-abbozz jagħraf il-bżonn għall-transizzjoni aktar faċli bejn l-iskola u d-dinja tax-xogħol. Ir-realtà hi li ħafna żgħażagħ isibu din it-transizzjoni diffiċli ħafna, fejn huma il-ħafna li jsibuha bi tqila jirrikonċiljaw dak li tgħallmu l-iskola max-xogħol tagħhom. Fuq kollox għad għandna sitwazzjoni fejn żgħażagħ ma jiġux impjegati minħabba li jkunu meqjusa bħala bla esperjenza.

Għaldaqstant nemmnu li l-*employers* u l-edukaturi għandhom jaħdmu id f'id biex il-korsijiet fl-istituzzjonijiet edukattivi Maltin ikunu aktar relevanti għall-ħaddiema t'għada. L-istess edukaturi u min jħaddem għandhom jiddiskutu kif l-irwoli tagħhom fis-soċjetà jistgħu jikkomplementaw lil xulxin. Filwaqt li nfaħħru l-isforz li jsir f'dan il-qasam mill-*MCAST*, ninnotaw li l-Università għadha lura milli tħejji l-ħaddiema t'għada f'dik li hija prattika. Għandu jkun hemm bilanċ bejn t-teorija u l-prattika jekk irridu li l-istituzzjonijiet tagħna jipprovdu ħaddiema preparati tassew għad-dinja tax-xogħol.

Permezz tal-*Korporazzjoni għall-Impjiegi u t-Taħriġ* il-Gvern qed joffri għadd ta' programmi validi, bħall-*Work Phase Scheme*, t-*Technical Apprenticeship Scheme* (*TAS*) u l-*Extended Skill Training Scheme* (*ESTS*). Dawn huma skemi li jgħinu liż-żgħażagħ jintegraw ruħhom fid-dinja tax-xogħol. L-iskemi jagħtu opportunità lil diversi żgħażagħ biex jiksbu l-esperjenza li tant jeħtieġu. Għalhekk nemmnu li dawn l-iskemi għandhom jissaħħu u jiġu estiżi f'oqsma oħra. Fl-istess ħin nisħqu li l-Gvern għandu jinkoraġġixxi, permezz ta' inċentivi fiskali, lis-settur privat sabiex jinvesti fi skemi ta' taħriġ simili.

In-numru ta' mpjiegi fuq bażi part-time qiegħed jiżdied b'rata aktar għolja min dak fuq bażi full-time, dan filwaqt li l-għadd ta' kuntratti definiti qegħdin dejjem jiżdiedu. Hemm bosta ħaddiema li huma mġiegħla jirreġistraw bħala *self-employed* u b'dan il-mod qegħdin jiġu sfurzati ċedu bosta drittijiet li huma ntitolati għalihom bħala impjegati. Barra minn hekk

in-numru ta' ħaddiema u ħaddiema żgħażagħ fl-unjins qiegħed dejjem jonqos. Mhux aċċettabbli li fis-sena 2009 għadek issib ħaddiema mhedda biex ma jissebbħux f'unjin.

Għaldaqstant il-Gvern għandu jikkommetti ruħu biex jelimina *loopholes* legali li qegħdin jintużaw biex jisfruttaw lill-ħaddiema żgħażagħ. Għal dan il-għan nemmnu li l-Gvern għandu jniedi kampanja ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li għandhom il-ħaddiema żgħażagħ, filwaqt li l-Gvern għandu jaħdem aktar biex jiġbed lejn Malta investiment akbar li jissarraf f'aktar impjiegi full-time u mhux biss dawk part-time.

Il-flessibilità hija fattur importanti f'suq kompetittiv u li jrid jikkompeti u jirnexxi tassew. Il-Gvern għandu jgħin biex aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Studenti li jixtiequ jkomplu jistudjaw u ommijiet li jixtiequ jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol għandhom isibu l-għajnuna meħtieġa kollha permezz ta' skemi aktar flessibbli u ċentri taċ-*childcare* adatti. Għandna sitwazzjoni fejn koppji żgħażagħ qegħdin jsibuha diffiċli ferm sabiex ilaħħqu mall-familja u x-xogħol, dan ukoll minħabba l-pressjoni finanzjarja speċjalment fejn jidħol s-self fuq propjetà. Il-pressjoni tat-trobbija tat-tfal qed taqa' fuq in-nanniet filwaqt li oħrajn m'għandhomx soluzzjoni fattibbli minħabba n-nuqqas ta' ċentri ta' *childcare*. Għandu jkun hemm aktar tagħrif dwar skemi ta' taħriġ lil dawk bla sengħa u lil dawk li jitilfu l-post tax-xogħol tagħhom. Il-kunċett ta' *lifelong learning* għandu jkun wieħed mill-għanijiet tal-Gvern f'dan il-qasam. F'kuntest ta' impjiegi aktar prekarji, l-flessibilità u t-taħriġ għandhom ikunu fuq quddiem nett tal-aġenda tal-Gvern .

Nemmnu li l-Gvern għandu joffri inċentivi fiskali biex iħajjar aktar kumpaniji privati jinvestu fil-ħaddiema tagħhom. Minbarra dan il-Gvern għandu wkoll jieħu l-inizzjattiva li jinkoraġġixxi prinċipji ta' *good practice* f'kumpaniji privati permezz ta' kampanji ta' tagħrif.

Il-*FŻL* dejjem emmen bi sħiħ liż-żgħażagħ Maltin għandhom potenzjal kbir sabiex isiru intraprendituri ta' suċċess b'negozji li jirrendu. Ħafna żviluppi teknoloġiċi u negozji ta' suċċess ġew imwaqqfa minn żgħażagħ f'età żgħira. Għaldaqstant nisħqu li huwa importanti li l-Gvern jinkoraġġixxi kultura li tħeġġeġ aktar intrapriżi u li tħajjar lin-nies jidħlu fid-dinja tan-negozju. Il-Gvern għandu jinvesti f'*entrepreneurship training* prattiku f'diversi livelli tas-sistema edukattiva filwaqt li għandu jikkunsidra ukoll benefiċċji finanzjarji bħal *tax credits*, speċjalment fil-bidu meta żagħżugħ ikun għadu kemm fetaħ negozju f'suq kompetittiv u ristrett bħal ma' huwa dak Malti.

Marbut ma' dan il-qasam insemmu wkoll ir-riċerka u l-iżvilupp. Nemmnu li Malta għandha potenzjal kbir fejn tidħol ir-riċerka, liema kapaċitajiet m'aħniex qegħdin nibbenefikaw minnhom biżżejjed. Ħafna drabi persuni Maltin ta' suċċess qegħdin jitilqu mill-pajjiż u jiġu mpjegati ma' kumpaniji multi-nazzjonali kbar minħabba n-nuqqas ta' opportunitajiet fil-qasam f'Malta, u b'hekk qegħdin insofru mill-fenomenu tal-*brain-drain*. Huwa wkoll settur *value added* li minnu nnifsu jattira aktar xogħol u jagħti reklam pożittiv ħafna tal-ħaddiema Maltin u l-ħiliet tagħhom, b'hekk minnu nnifsu jattira aktar investiment. L-Università ta' Malta tista' tkun sħab b'saħħtu f'dan ir-rigward.

Il-*FŻL* jerġa' jtenni l-importanza li dawk li ħadu xi forma ta' self mill-banek jiġu protetti u jingħataw l-għajnuna neċessarja f'każ li jisfaw qgħeda. Fi żmien fejn diversi Gvernijiet madwar id-dinja mxew fuq dan il-kunċett nsostnu li għandu jkun hemm *moratorium* temporanju fuq il-pagamenti dovuti.

**Saħħa**

Fil-qasam tas-saħħa huwa importanti li jkun emfasizzat t-tisħiħ fil-politika ta' koeżjoni. B'dan nifhmu li l-kura primarja għandha tissaħħaħ fil-qasam tal-aċċessibiltà u għandha wkoll tkattar is-servizzi li toffri u terġa' tiġbor fiha servizzi li qabel kienet tipprovdi. B'hekk il-kura primarja tkun ħolqa qawwija fir-rabta tagħha mall-qasam sekondarju u terzjarju. Dan iwassal sabiex kemm iż-żgħażagħ kif ukoll il-pubbliku inġenerali iħossu aktar moqdi mis-sistema tas-saħħa.

Nemmnu li fl-*iSptar Nazzjonali għall-Kura Akuta*, għandu jkun hemm infermiera u tobba mħarrġa speċifikament biex joffru s-servizzi tagħhom liż-żgħażagħ, bl-istess mod li preżentement jeżistu professjonisti mħarrġa fil-qasam tal-kura tat-tfal. Dan jaf iwassal sabiex iż-żgħażagħ jingħataw aktar attenzjoni f'dawk li huma dimensjonijiet soċjali u psikoloġiċi, barra dik fiżika. Problemi fis-saħħa sesswali u użu ħażin ta' sustanzi jistgħu jingħataw jiġu ndirizzati aħjar b'dan il-mod.

Għalkemm jissemmew proġetti li huma relatati mas-saħħa sesswali dan il-qasam jixraqlu aktar importanza. Nistgħu ngħidu li bl-istess mod li l-Ministeru tal-Politika Soċjali qed jittratta din it-tema, hekk ukoll qiegħed jagħmel dan l-abbozz. Dokument li huwa wisq konservattiv fil-mod li qed jittratta din l-kwestjoni. Nemmnu li din il-politika għaż-żgħażagħ għandha tinkludi l-ħtieġa li jitwaqqfu kliniċi għas-saħħa sesswali li jkunu maqtugħa minn istituzzjonijiet oħra tas-saħħa sabiex iħarsu l-anonimità u l-kunfidenzjalità tal-klijenti. B'dan il-mod dawk li jħossu l-ħtieġa li jirrikorru għal dawn is-servizzi jagħmlu dan b'anqas diffikultà. Inħossu li l-edukazzjoni sesswali fuq il-mezzi tax-xandir u fl-ispazji pubbliċi ta' prominenza għadha m'hix qed tingħata biżżejjed inkoraġġiment u importanza mill-Gvern.

Bħalma fil-qasam tas-saħħa sesswali teżisti l-ħtieġa li tali pazjenti jingħataw il-kura fi kliniċi li m'għandhom ebda assoċjazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tas-saħħa, hekk ukoll teżisti l-ħtieġa li klijenti li jkollhom bżonn ta' kura jingħataw is-servizzi fi kliniċi ddedikati. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jingħatawlhom l-attenzjoni meħtieġa fi kliniċi apposta li jipprovdu kemm sessjonijiet edukattivi fl-għamla ta' *support groups*, viżti ta' klijenti b'mod individwali u rikoverazzjoni bl-għan ta' kura diretta.

B'mod tajjeb din il-politika tidentifika kliniċi speċjalizzati f'oqsma oħra li jirrigwardjaw liż-żgħażagħ u li ma jissemmewx hawn fuq. Għal darb'oħra jinħass in-nuqqas li jkunu identifikati sħab essenzjali li tista' tgħid jistgħu iservu ta' għodda sabiex din il-politika titwettaq, kif ukoll in-nuqqas li jkun identifikat il-metodu li bih jistgħu jintlaħqu l-għanijiet imsemmija.

Dan l-abbozz jibqa' lura milli jidħol fil-fond biex jindirizza d-diffikultà kbira li qegħdin jiffaċċjaw iż-żgħażagħ Maltin meta jiġu biex jitilqu mid-dar tal-ġenituri u jixtru jew jikru l-propjetà tagħhom. Il-*Forum Żgħażagħ Laburisti* jħoss li l-Gvern għandu jkun hu fuq ta' quddiem li permezz tal-*Awtorità tad-Djar* jissussidja skemi ġusti li bihom jitħaffef il-piż enormi li qiegħed jinġarr bħalissa. L-*Awtorità tad-Djar* m'għandhiex tkun kompetitur tal-ispekulatur u tbiegħ il-propjetà għall-profitt iżda għandu jkun hemm skemi sostenibbli li bihom l-istess *Awtorità* tħares provvista ta' djar diċenti għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena wkoll.

Ġaladarba bħalissa l-*Awtorità* qegħda tiddisponi mill-*housing stock* tagħha l-unika soluzzjoni li qed jifdal hi li jinbnew aktar binjiet. F'pajjiż bl-ogħla densità ta' popolazzjoni fl-Ewropa din żgur li mhix soluzzjoni sostenibbli u l-Gvern għandu jħares ukoll lejn it-53,000 propjetà battala f'Malta, b'numru ta' propjetà tal-Gvern stess, li persentaġġ għoli minnhom qegħdin fi stat ħażin ħafna. Huwa fatt magħruf li *housing* diċenti bi prezzijiet raġonevoli jagħtu serħan il-moħħ lill-familji u dan huwa wkoll fattur kruċjali kemm fl-aspett ekonomiku kif ukoll f'dak soċjali. Il-Gvern għandu jassigura li l-politika f'dan il-qasam tkun waħda sostenibbli, li tħares 'l quddiem u li żżomm l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri f'moħħha.

Fuq kollox, il-*FŻL* juri t-tħassib tiegħu għall-fatt li l-iskema maħsuba biex l-*Awtorità tad-Djar* tgħin lill-persuni jfittxu l-ewwel dar tagħhom twaqqfet ħesrem wara sentejn biss. Ma nistgħux nifhmu kif skema li għaliha ġew allokati aktar minn seba' miljuni Euro twaqqfet meta kienu biss intefqu anqas minn kwart tal-flus. Għaldaqstant nistennew li f'qasam hekk importanti u li jolqot liż-żgħażagħ b'mod dirett, ikun hemm aktar sensittività u ppjanar.

**Ġustizzja**

Il-*Forum Żgħażagħ Laburisti* dejjem emmen li fejn tidħol il-ġustizzja l-prevenzjoni hija aħjar mill-kura. Sabiex wieħed jikseb l-aħjar riżultati u jipprova jillimita kemm jista' jkun id-delinkwenza fost iż-żgħażagħ, l-iStat għandu jaħdem bla heda biex jilħaq lill-persuna minn età żgħira. L-aħjar mod biex dan isir huwa permezz ta' edukazzjoni aħjar fl-iskejjel tagħna, fejn it-tfal ikunu mgħallma aktar dwar l-importanza li ngħixu f'soċjetà ħielsa mill-kriminalità. L-emfasi għandha tibda minn età żgħira. F'każ imbagħad li l-liġi tinkiser, huwa l-obbligu tal-iStat li jara' li l-ġustizzja ssir u sseħħ fil-ħin. Għaldaqstant nisħqu li mhux aċċettabbli li jkollok każijiet li jdumu s-snin ikarkru qabel ma' ssir ġustizzja.

Huwa ta' sodisfazzjon ninnutaw li l-ispirtu tal-abbozz idur madwar il-prinċipju tar-ri-integrazzjoni taż-żgħażagħ li jkunu missew mas-sistema tal-ġustizzja. Nħossu li l-integrazzjoni hija l-aktar stadju importanti fil-proċess li jwassal biex il-persuna li messet mal-ġustizzja tirriforma ruħha. Madanakollu nemmnu wkoll li l-mentalità tas-soċjetà għada sehem kruċjali fil-kunċett tar-ri-integrazzjoni. Għaldaqstant il-*Forum Żgħażagħ Laburisti* jħares 'l quddiem sabiex ikompli jippromwovi s-sistema użata f'faċilitajiet korrettivi barra minn Malta, liema sistema saħansitra ssib l-appoġġ tal-*Aġent Direttur tal-Ħabs* f'pajjiżna, dik tas-*semi-libertà*. Din is-sistema tkun tista' titħaddem ma' priġunieri li jkunu waslu lejn l-aħħar tas-sentenza tagħhom. Nemmnu li dan il-kunċett, li għall-bidu jista' jidher diffiċli sabiex wieħed jattwah, huwa pass ieħor li jwassal sabiex f'dan il-pajjiż tassew nibdew nieħdu bis-serjetà r-ri-integrazzjoni u allura mill-kliem sabiħ ngħaddu għall-fatti.

B'dispjaċir ninnotaw li fil-qasam tal-ġustizzja dan l-abbozz jibqa' lura milli jsemmi waħda mill-aktar kawżi li qed twassal biex ħafna żgħażagħ jaqgħu fix-xibka tal-kriminalità, d-droga. Huwa fatt magħruf li l-abbuż tad-droga f'pajjiżna huwa wieħed estiż, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Agħar minn hekk, jidher ċar ukoll li l-età ta' meta ż-żgħażagħ qegħdin jaqbdu l-vizzju tad-droga qiegħed dejjem jinżel filwaqt li jeżistu wkoll żgħażagħ li saħansitra jitkellmu bil-miftuħ dwar kif qegħdin ilaħħqu mall-ispejjeż tagħhom billi jixtru u jbiegħu d-droga. Din tagħmel il-problema tad-droga aktar gravi. Il-Gvern għandu jpoġġi din il-problema fuq quddiem fil-prioritajiet tiegħu jekk vera jrid li l-ġustizzja sservi għall-aħjar interess taż-żgħażagħ.

Fl-abbozz hemm imsemmi li se jkunu qegħdin isiru programmi ta' riabilitazzjoni għad-delinkwenti żgħażagħ filwaqt li jsemmi wkoll l-istituzzjonijiet tal-kura. F'dan il-qasam nemmnu li l-Gvern għandu jimxi pass aktar 'l quddiem u jagħmel riforma sħiħa fis-sistema tal-istituzzjonijiet tal-kura. Dan għandu jsir billi qabel xejn il-Gvern itaffi ftit mill-piż kbir li qed iġġorr il-Knisja bid-diversi istituzzjonijiet u istituti li tmexxi, anke jekk bi riżorsi limitati. Nemmnu li jekk irridu li dawn l-istituzzjonijiet jgħinu lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna dawn għandhom jitmexxew min-nies professjonisti. Il-Gvern għandu wkoll jara' li programmi bħal *Fejda* u *Jeanne Antide* iservu tassew ta' mezz ta' riforma u riabilitazzjoni għal żmien temporanju u mhux jispiċċaw ta' xelter dejjiemi għal dawn iż-żgħażagħ.

Filwaqt li naqblu mal-punt fl-abbozz fejn jissemma li żgħażagħ ta' taħt it-tmintax-il sena għandhom jitpoġġew f'istituzzjonijiet differenti, insostnu li hawn ukoll m'għandniex nieqfu biss fi-kliem sabiħ, iżda rridu nistinkaw sabiex nipprovdu r-riżorsi u l-infrastruttura għal dawn l-istituzzjonijiet flimkien mall-professjonisti kompetenti li jkunu jistgħu jaħdmu ma' dawn iż-żgħażagħ.

**Arti u Kultura**

Filwaqt li d-dokument jitkellem ħafna fuq l-identità Maltija, ftit jagħti spjegazzjoni ta' kif din għandha tiġi mħarsa u mrawwma f'ambjent żagħżugħ. Aħna ż-żgħażagħ aħna l-mutur tas-soċjetà u jekk l-identità Maltija ma' tiġix kkultivata fl-iskejjel tagħna nkunu qegħdin noħolqu ħsara rriparabbli. Il-*FŻL* jemmen li l-ilsien Malti għandu jibqa' jingħata l-importanza xierqa li jistħoqqlu. Dan id-dokument għandu jorbot lill-Gvern biex iwettaq ħidma sħiħa biex l-ilsien Malti jibqa' jingħata l-akbar importanza. Fuq dan il-punt wieħed ma jistax ma jinnotax b'disappunt li filwaqt li l-abbozz jitkellem dwar l-ilsien Malti, l-Gvern naqas milli jippubblika verżjoni tal-istess l-abbozz bil-Malti.

Nemmnu li l-Gvern għandu jinkuraġġixxi ħafna aktar l-attivitajiet li jirriflettu l-identità Maltija, bħall-Karnival u l-festi fl-irħula, li kollha jkollhom parteċipazzjoni qawwija taż-żgħażagħ. B'dispjaċir ninnotaw ukoll li kemm fil-każ tal-Karnival kif ukoll f'dak tal-festi, teżisti inċertezza kbira u għaldaqstant il-Gvern għandu jneħħi din l-inċertezza.

Biex ninkoraġġixxu aktar artisti żgħażagħ fil-qasam tal-arti u tal-kultura, għandhom jinħolqu aktar skemi sabiex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom u jesprimuhom b'mod olistiku, kemm f'pajjiżna kif ukoll lilhinn min xtutna. L-esperimentazzjoni hija karatteristika ewlenija tagħna ż-żgħażagħ u fid-dawl ta' dan nipproponu t-twaqqif ta' ċentru multi-dixxiplinari fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jesebixxu x-xogħolijiet u l-ideat tagħhom. Huwa mportanti li f'dan il-qasam wieħed ma jħarisx biss lejn l-aspett ekonomiku iżda tingħata prijorità lill-kreattività, l-innovazzjoni u fuq kollox it-trawwim ta' artisti ġodda Maltin.

Il-Kultura u l-arti huma mezz ta' komunikazzjoni mportant f'soċjetà dinamika li qed tiżviluppa. Għaldaqstant tinħass ħtieġa li jkun hemm parteċipazzjoni qawwija ta' żgħażagħ fid-diversi kumitati u bordijiet li jirregolaw l-arti u l-kultura f'Malta. Għalhekk nipproponu li għandu jkun hemm kwota ta' membri ta' età żagħżugħa f'dawn il-bordijiet li jinfluwenzaw l-arti u l-kultura f'pajjiżna. Il-*FŻL* jipproponi li l-Gvern għandu jneħħi minnufih il-bord taċ-ċensura.

Nemmnu li għandhom jitkattru l-iskemi ta' prezzijiet ridotti għall-attivitajiet kulturali u artistiċi speċjalment għall-istudenti. Il-kultura għandha timxi id f'id mal-edukazzjoni,

għalhekk tinħass ħtieġa li jsir aktar investiment fl-iskejjel tal-arti jew f'ċentri oħra li jaqgħu taħt l-iStat u li qegħdin iservu ta' benniena sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ jiżviluppaw it-talenti tagħhom b'mod professjonali. Minkejja li forsi ta' spiss ir-riżorsi jkunu limitati, dawn l-iskejjel qegħdin jagħmlu l-mirakli. Il-Gvern għandu jirrikonoxxi l-ħidma tagħhom billi jżid l-investiment tiegħu.

Tinħass ħtieġa wkoll li tissaħħaħ il-ħidma kulturali u artistika maż-żgħażagħ b'diżabilità jew b'xi forma ta' problema oħra. Dawn iż-żgħażagħ ma jistgħux jitħallew barra mill-iżvilupp kulturali u artistiku Malti. Għandu jkun hemm ħidma intensiva u estensiva sabiex dawn iż-żgħażagħ ikollhom aktar aċċessibiltà għat-teatri u għaċ-ċentri fejn jittellgħu dawn l-attivitajiet. L-awtoritajiet għandhom jaħsbu wkoll fi skemi speċjali ndirizzati għal dawn iż-żgħażagħ biex ikunu jistgħu jesponu x-xogħolijiet tagħhom fil-pubbliku.

**Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-komunità u l-volontarjat**

Il-*FŻL* jemmen li waħda mill-miri ewlenin ta' din il-politika għandhom jkunu dawk li jinkoraġġixxi aktar żgħażagħ ikunu attivi fis-soċjetà. Minkejja l-impressjoni ta' wħud liż-żgħażagħ mhumiex attivi aħna nemmnu li huma il-ħafna dawk iż-żgħażagħ li jinvolvu ruħhom f'xi organizzazzjoni jew f'xi attività.

Biex dan l-għan jintlaħaq jeħtieġ li l-Gvern jagħti aktar importanza lill-*NGOs* kollha fil-pajjiż, li jiġbru fihom numru kbir ta' żgħażagħ. Nemmnu li dawn l-għaqdiet ma jeħtieġux għajnuna finanzjarja biss, iżda l-Gvern għandu jikkommetti ruħu li jaċċerta li dawn l-organizzazzjonijiet jkollhom aċċess u l-għajnuna kollha meħtieġa għall-fondi tal-Unjoni Ewropea li jistgħu jgħinuhom fil-proġetti tagħhom.

Dwar is-sehem taż-żgħażagħ fil-politika, l-*FŻL* jisħaq fuq il-proposta li l-età tal-vot u tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali għandha tinżel għal dik ta' sittax-il sena, bl-għan li tifrex fost iż-żgħażagħ interess ġenerali akbar lejn il-politika kif wkoll sens ta' responsabbiltà kemm lejn l-iStat kif ukoll lejn il-lokal partikulari tagħhom.

Bi pjaċir ninnotaw li dan l-abbozz ma jħallix barra l-kunċett ta' akkreditazzjoni tal-ħiliet liż-żgħażagħ ikunu kisbu matul il-ħajja tagħhom permezz ta' esperjenzi varji f'għaqdiet u fl-entitajiet differenti. Madanakollu ma nistgħux ma nesprimux it-tħassib tagħna għall-fatt li dan il-kunċett issa ilu jiġi diskuss f'pajjiżna għal numru ta' snin iżda ftit jidher li mxejna 'l-quddiem. Il-*FŻL* jittamma' li din il-*Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ* twassal sabiex tiffinalizza d-diskussjoni fuq dan is-suġġett u naslu għall-fatti.

**Sport**

Il-*FŻL* jemmen li għandna bżonn inħarsu lejn l-isport bħala parti mill-edukazzjoni li t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jiksbu tul il-ħajja. Jekk se nibqgħu nifirdu l-isport minn mall-edukazzjoni se nibqgħu naqgħu lura fit-trawwim tal-isport fil-ħajja tal-poplu Malti. Għal dan il-għan nemmnu li l-Gvern għandu jinvesti aktar biex iżid l-element sportiv fit-tagħlim.

Għandhom jiġu nkuraġġiti aktar attivitajiet fejn matulhom atleti professjonisti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jippromwovu l-eżerċizzju fiżiku u l-attività fl-isport. L-istudenti u t-tfal tagħna japprezzaw aktar is-suċċessi ta' dawn l-atleti meta jagħrfu li wara dawn is-suċċessi hemm ħajja ordinarja ta' persuna, ħajja simili għal tagħhom. Attivitajiet bħal dawn għandhom ikunu introdotti bħala parti mill-kalendarju edukattiv fil-livell tal-edukazzjoni primarju u s-sekondarju.

Sabiex ninvestu fl-atleti tagħna minn età żgħira għandu jkun hemm programm li bih atleti żgħar ikunu gwidati dwar liema dieta tgħodd għalihom u ma' liema xorta ta' sport li jkunu qegħdin jipprattikaw.

Huwa essenzjali wkoll li f'pajjiżna jkollna numru ta' faċilitajiet sportivi 'miftuħa' u aċċessibbli. B'inizjattivi varji minn diversi Kunsilli Lokali u għaqdiet sportivi rajna l-ftuħ ta' diversi grawnds li jkunu miftuħa għal kulħadd u bla ebda forma ta' ħlas f'ħafna lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Il-Gvern għandu jieħu l-inizjattiva u jħares lejn opportunità ta' kif jista' jestendi dan il-kunċett ta' '*free*, *open sport*' għal faċilitajiet f'dixxiplini sportivi differenti.

Is-suġġett tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel għandu jittieħed aktar bis-serjetà u l-lezzjonijiet għandhom ikunu aktar rilevanti għall-istudenti filwaqt li jolqtu l-interessi differenti tal-istudenti. Dan jista' jsir permezz ta' aktar investiment fit-tgħamir sportiv tal-iskejjel, kemm f'livell primarju kif ukoll sekondarju. Huwa nutili li jkollok l-aħjar lezzjoni jekk m'għandekx l-infrastruttura sportiva biex twettaqha. Għaldaqstant nipproponu li fl-iskejjel fejn hemm problemi ta' spazju jiġu introdotti *outdoor gyms*, bħal ma nsibu f'diversi skejjel Ewropej, li jkunu jistgħu jitgawdew mill-istudenti.

Il-Gvern għandu jara' li kull skola madwar Malta u Għawdex jkollha l-faċilitajiet meħtieġa sabiex tkun tista' tagħti l-importanza kollha lill-isport. L-istess għandu jsir fl-Università. Filwaqt li kulħadd jaqbel li l-investiment infrastrutturali li qiegħed isir fl-Università huwa wieħed pożittiv nittamaw li dan ma jkunx a skapitu tal-faċilitajiet sportivi, bħal ma ġara bit-twaqqiegħ tal-kort tal-baskitbol.

Bħal mall-Gvern minn żmien għal żmien iniedi skemi ta' boroż ta' studju fl-oqsma akkademiċi, nemmnu li għandu jestendi dawn l-opportunitajiet lill atleti promettenti. Eżerċizzju bħal dan ikun mezz ta' investiment dirett fl-atleti tagħna li minnu jista' jgawdi l-pajjiż. B'hekk l-iStat ikun qiegħed jagħti l-importanza meħtieġa lill qasam tal-isport bħal ma' jagħti lill dak akkademiku. Dan filwaqt li l-għaqdiet sportivi għandhom ikunu inkuraġġiti sabiex joffru aktar opportunitajiet lill-membri tagħhom permezz ta' taħriġ barra minn Malta.

**Divertiment**

Nemmnu li l-ambjent li fih iż-żgħażagħ jissoċjalizzaw għandu jkun wieħed bl-anqas perikli possibbli u l-Gvern għandu r-responsabbiltà li jassigura dan. B'dispjaċir ninnotaw li skond statistiċi riċenti r-rata ta' kriminalità hija aktar għolja fil-postijiet tad-divertiment filwaqt li n-numru ta' abbużi minn sustanzi u mill-alkoħol qiegħed aktar ma' jmur jiżdied.

Il-Gvernijiet Lokali kif ukoll dak ċentrali għandhom jagħtu l-għajnuna kollha meħtieġa lill-organizzazzjonijiet lokali bil-għan li jinżammu kampanji dwar l-effetti tax-xorb kif ukoll dwar ix-xorb u s-sewqan. Minkejja li l-liġijiet ma joffru ebda lok ta' ambigwità dwar l-età li wieħed jista' jikkonsma alkoħol u jixtri tabakk, dawn mhux qegħdin jiġu nfurzati biżżejjed. Rigward is-sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, għandhom isiru testijiet fit-toroq tagħna, speċjalment fi tmiem il-ġimgħa, dan sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tas-sewwieq, il-passiġġieri u tal-poplu b'mod inġenerali.

Nemmnu wkoll li għandu jiġi estiż is-servizz ta' trasport pubbliku matul il-lejl, speċjalment minn postijiet ta' divertiment ewlenija. Dan għaliex huma ħafna ż-żgħażagħ li ma jsuqux u jkollhom iħallsu prezzijiet għolja meta joħorġu speċjalment matul il-ġimgħa

Minkejja li l-ammont sostanzjali ta' tfal li jixorbu taħt l-età u ż-żieda fil-għadd ta' ħwienet li joffru magni tal-logħob tal-ażżard, il-Gvern mhu qed joffri ebda soluzzjoni għal dawn il-problemi fil-pjan *Nazzjonali tal-Politika taż-Żgħażagħ*. Il-Gvern għandu jikkommetti ruħu biex jiġġieled il-vizzji filwaqt li għandu jniedi studji biex jara x'inhi r-raġuni għaliex iż-żgħażagħ, partikularment dawk taħt l-età, qegħdin jaqgħu għal dawn il-vizzji.

Inħossu li huwa importanti li l-liġi dwar il-ħinijiet tal-ftuħ ta' postijiet ta' divertiment tiġi aġġornata, liema liġi mhix waħda realistika fiż-żminijiet tallum. Reviżjoni f'din il-liġi tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għas-settur turistiku partikularment sabiex tattira aktar t-turisti żgħażagħ biex jiġu Malta għad-divertiment. Nemmnu li aktar ma jkun hemm restrizzjonijiet fuq il-ħinijiet aktar il-metodi ta' divertiment imorru *underground* u b'hekk ikun anqas possibbli li jinżamm kontroll. It-tibdil f'din il-liġi għandu jkun akkumpanjat b'qafas li jħares lir-residenti minn inkonvenjenti li jistgħu jinqalgħu.

**Soċjetà ta' informazzjoni**

Il-*FŻL* jemmen bi sħiħ li f'dinja li aktar ma' tmur aktar qed tkattar il-ħolqien, it-tixrid u l-inseminazzjoni tal-informazzjoni f'kull qasam tal-ħajja u bl-aktar mezzi teknoloġiċi effettivi u wiesa' sabiex tasal għal soċjetà msejsa fuq l-informazzjoni u l-għarfien, l-informazzjoni għandha titqies ta' valur li ma bħalu u b'hekk għandha tiġi mħarsa.

Filwaqt li ngħarfu u nilqgħu b'sodisfazzjon il-passi 'l quddiem u l-investimenti li seħħew matul l-aħħar snin fis-settur tat-teknoloġija u l-informazzjoni, nagħrfu l-fatt li għad hemm lok ta' titjib f'numru ta' oqsma.

Nemmnu li l-iskemi li jixprunaw 'l quddiem il-firxa tal-internet fil-familji u l-aċċessibiltà għax-xibka ta' informazzjoni li toffri d-dinja ċibernetika għandhom jiġu sostnuti u nkuraġġiti bl-aħjar mezzi possibbli u mhux jintużaw bħala strument partiġjan ta' propaganda rħisa lejlet xi Elezzjoni u ftit wara malajr tisfa' fix-xejn. Niskuraġġixxu kull piż miżjud fix-xiri ta' materjal edukattiv relatat mat-teknoloġija li jwassal sabiex jixxekkel l-iżvilupp u t-tixrid tal-informazzjoni u l-għarfien. Dan l-għan jista' jintlaħaq permezz ta' ħolqien ta' aktar *internet hotspots* li joffru aċċessibiltà b'xejn u nimxu fuq il-passi ta' bosta pajjiżi barranin fejn iż-żoni m'għandhomx jiġu ristretti għal postijiet magħluqa, bħal uffiċini governattivi lokali, iżda għandhom jitkattru f'postijiet fil-beraħ li jservu ta' attrazzjoni għall-komunità l-aktar dik żagħżugħa.

Malta hija kburija li tista' tħaddan sistema ta' *e-government* fost l-aktar mifruxa fis-servizzi offruti fl-Unjoni Ewropea. Filwaqt li ninkuraġġixxu t-twessiegħ tax-xibka ta' servizzi ninnutaw li huma l-minoranza taċ-ċittadini li jagħmlu użu min din s-sistema u għal din ir-raġuni proċessi burokratiċi li jistgħu jikkunsmaw ferm anqas ħin u riżorsi meta meħuda b'mezz tat-teknoloġija, qed jibqa' jkun hemm talba kbira għalihom b'mod fiżiku. Għal dan l-għan għandha tikber aktar il-kuxjenza tas-servizzi disponibbli permezz tal-internet u jitkattar it-tħaddim tal-*Eletronic ID* b'mod partikulari fost iż-żgħażagħ.

Tinħass il-ħtieġa li l-Gvern jattwa sistema lokali u aġġornata fil-qasam tal-aċċessibiltà u l-istandard tas-siti ċibernetiċi li joffri l-istess Gvern fil-firxa tiegħu fi ħdan il-*gov.mt*. Nemmnu li għandha tiġi adottata sistema ta' *W3C* (*World Wide Web Consortium*) li sservi tassew ta' regolatur sabiex tistabbilixxi u tiżviluppa l-protokolli li jiżguraw standard għoli ta'

kontenut u aċċessibiltà tas-siti tal-internet u tas-servizzi offruti. Inħossu li hemm bżonn ta' linji gwida netti u uniformi għall-*interface* tas-siti sabiex joffru l-istess opportunitajiet ta' aċċess u benefiċċju ta' informazzjoni tas-sit lil kulħadd, indifferentement mill-possibiltajiet u kapaċitajiet tal-individwu, liema standards għandhom jiġu mħarsa u aġġornati b'mod kostanti. Għaldaqstant nemmnu li għandu jkun hemm parametri minimi speċifiċi sabiex persuni b'diżabilità ma jsibu ebda xkiel fl-aċċess tas-siti u għandu jsir kull sforz sabiex jiġu adottati mezzi innovattivi bħal dawk tal-qari tad-dokumenti stampati u l-faċilità li tkabbar it-tipa tal-kliem.

Il-firxa tal-użu tal-internet għandha tiġi akkumpanjata b'kampanja informattiva dwar l-aċċess, r-riżorsi u l-aħjar użu li jista' jsir mid-dinja tal-internet. Din m'għandhiex tkun kampanja negattiva imma bl-għan li tagħti valur u importanza tal-mezzi teknoloġiċi u toħloq kuxjenza dwar ħsara potenzjali li jista' joffri dan il-fenomenu. Dan għandu jiġi akkumpanjat b'edukazzjoni u nfurzar tal-kriterji tal-ergonomija fuq lant tax-xogħol sabiex ikun hemm kundizzjonijiet mill-aqwa u għarfien wiesa' tal-ħaddiema dwar liema huma l-aħjar abitudinijiet matul il-ħidma.

Il-qasam edukattiv għandu jindirizza aktar id-diffikultajiet marbuta mad-dipendenza tal-użu mit-telefonija ċellulari, mill-*SMSs*, mill-*e-mails*, mill-*online chatting* u mis-*social networks*, mill-logħob virtwali u l-akkwistar ta' oġġetti online bla rażan permezz ta' trawwim ta' aktar ħiliet u kapaċitajiet soċjali. Għarfien bħal dak ta' użu tajjeb u b'għaqal tas-social networks flimkien mall-etika u r-responsabbiltajiet marbuta mall-internet huma importanti sabiex li jagħtu formazzjoni liż-żgħażagħ dwar l-aħjar tħaddim tal-internet.

Sabiex ikun hemm trażżin tal-abbużi possibbli fit-tixrid ta' informazzjoni protetta, nemmnu li għandha ssir ferm aktar emfasi fuq l-*Att dwar il-Protezzjoni tad-Data* u li jkun tassew infurzat. B'xorti ħażina s-sensiela ta' każijiet ta' piraterija informatika fosthom dawk ta' serq ta' passwords u ta' informazzjoni diġitali minn għejjuni lokali li seħħew matul l-aħħar xhur, qegħdin jixħtu dellijiet koroh fil-qasam tal-ħarsien tal-informazzjoni b'deterrent u nuqqas ta' fiduċja mill-pubbliku. Episodji simili kif ukoll is-serq ta' informazzjoni privata, kunfidenzjali u sensittiva min sorsi governattivi jkomplu juru biċ-ċar li l-politika fil-qasam tal-protezzjoni tad-data m'hix waħda effettiva u teħtieġ bidla u aktar infurzar.

Il-Gvern għandu jara' li industriji stabbiliti lokalment li jagħmlu użu jew għandhom aċċess għal ħażna ta' informazzjoni vasta ta' terzi persuni fuq livell lokali jew saħansitra internazzjonali, jsegwu standards relatati mal-*Att dwar il-Protezzjoni tad-Data* filwaqt li min ikollu aċċess għal din id-*database* ta' informazzjoni għandu jinżamm responsabbli għaliha.

Għal dan l-iskop naraw li hemm lok għal inizjattiva u azzjoni fil-qasam tal-kriminalità ċibernetika organizzata li aktar ma tmur aktar qegħda tikber, l-aktar fis-setturi tat-tranżazzjoni finanzjarji li jitolbu divulgazzjoni ta' għadd kbir ta' informazzjoni, b'aktar taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-oqsma ta' serq u frodi tal-identità fl-ispazju ċibernetiku.

**Ambjent**

Il-ħarsien tal-ambjent jinvolvi kemm il-ħarsien tan-natura u l-bijodiversità kif ukoll il-ħarsien tal-karatteristiċi tipiċi tal-ibliet u tal-irħula li jinsabu f'pajjiżna. B'dispjaċir ninnotaw li fit-tema tal-ambjent ma ġietx imsemmija r-riċerka. Biex isir żvilupp sostenibbli, biex jitnaqqas it-tibdil fil-klima u sabiex tiġi mħarsa l-bijodiversità, trid issir riċerka estensiva. Mir-riżultati miksuba minn dawn l-istudji wieħed jista' jħejji l-istrateġija meħtieġa biex jiġi mħares l-ambjent. F'Malta r-riċerka dwar l-ambjent qiegħda tiżdied, madanakollu hemm lok għal sforz akbar sabiex dan il-qasam ikompli jikber. Għalkemm hawn żgħażagħ li huma nteressati u kwalifikati biex jaħdmu f'dan il-qasam, m'hawnx biżżejjed riżorsi finanzjarji biex dan iseħħ.

Eżempju ċar ta' dan hija l-Università ta' Malta fejn tħaddan għadd ta' studenti li jkollhom iħallsu għal ċerti spejjeż involuti fit-teżi tagħhom (b'manjiera speċjali studji li jkunu jinvolvu riċerka dwar l-ambjent) minħabba in-nuqqas ta' riżorsi. Ir-riżultati miksuba minn dawn l-istudji ħafna drabi jingħataw lill-*MEPA*. Dawn ir-riżultati suppost qegħdin jintużaw mill-*MEPA* meta tiġi biex tfassal pjan f'qasam ta' protezzjoni tal-ambjent. Jinħass nuqqas ta' tagħmir fl-Università, apparat meħtieġ sabiex tkun tista' ssir ir-riċerka dwar ċerti oqsma ambjentali.

Hawn bosta żgħażagħ Maltin li qegħdin jagħmlu riċerka siewja dwar l-ambjent iżda r-riċerka tagħhom m'hiex qed tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet Maltin. Minflok iseħħ dan qegħdin nikkonsultaw esperti barranin. Każ ċar ta' dan huwa dak tal-inġiniera li jfasslu proġetti bl-għan li jnaqqsu il-konsum tal-ilma u tal-enerġija. Il-proġetti tagħhom, filwaqt li jiġu rikonoxxuti barra minn Malta għall-importanza tas-sejbiet tagħhom, mhux l-istess jiġri f'pajjiżna hekk kif ma tantx jingħataw importanza mill-awtoritajiet lokali ikkonċernati.

Il-preżenza tal-*NGOs* ambjentali fl-iskejjel u fl-attivitajiet taż-żgħażagħ hija mportanti. B'hekk il-ħarsien tal-ambjent jibda' jingħata aktar importanza miż-żgħażagħ minħabba li jibdew jinteressaw ruħhom fl-ambjent u jsiru konxji tal-ħsara li tkun qed issir. L-*NGOs* jistgħu jorganizzaw attivitajiet li jinteressaw iż-żgħażagħ (bħal dak tad-*diving*, *hikes* eċċ.), bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'dawn l-għaqdiet. B'xorti ħażina, huma ftit ż-żgħażagħ li attwalment qegħdin jinteressaw ruħhom u jissieħbu ma' dawn l-*NGOs* li jaħdmu favur l-ambjent.

Ħafna minn dawn l-*NGOs* jorganizzaw diversi attivitajiet, kemm għaż-żgħażagħ u kif ukoll għall-istudenti tal-iskejjel primarji. Madanakollu, dejjem hemm ħtieġa ta' aktar *NGOs* ambjentali li jagħmlu xogħol simili. Fuq kollox il-Gvern għandu jagħraf l-importanza ta' dawn l-għaqdiet mhux governattivi u jassumi l-irwol speċifiku li jinkoraġġixxi inizjattivi bħal dawn kif ukoll li jgħin liż-żgħażagħ li jkunu interessati jwaqqfu aktar organizzazzjoniet simili.

Huwa mportanti li kulħadd isir konxju mill-problemi ambjentali serji li hawn f'pajjiżna. Irridu nirrealizzaw li numru ta' problemi (bħat-tibdil fil-klima, l-qerda tal-ambjent u l-bijodiversità kawża tal-bini, tal-ħsara li jagħmlu r-riżorsi tal-enerġija bħal żejt, faħam eċċ.) saru 'bomba tal-ħin' li se jaffetwaw mhux biss lill-ġenerazzjonijiet ġejjiena iżda saħansitra lilna stess. Huwa mportanti liż-żgħażagħ ikunu attivi biex iwaqqfu l-qerda tal-wirt naturali f'pajjiżna qabel ma jkun tard wisq u ma nkunux nistgħu nreġġgħu lura din il-ħsara.